Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,620, 26 ta' Mejju, 1998
Taqsima B

A.L. 138 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-1998 li jemenda l-Ordni dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej: —

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1998 li jemenda l-Ordni dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet), għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet), hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". A.L. 67 ta' l-1993.

Jemenda l-Ordni prinċipali.

2. Id-drittijiet u responsabbilitajiet vestiti fil-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta fir-rigward ta' l-art imsemmija fil-paragrafu (1) ta' l-artiklu 4 tal-Ordni prinċipali huma b'dan trasferiti lura lill-Kummissarju ta' l-Artijiet għar-rigward tal-biċċa art f'San Ġwann, limiti ta' Birkirkara, flimkien mal-bini hemmhekk mibni, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 147/96, liema pjanta hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Lulju, 1997.